# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**(AGENT PRESIDENT)**
**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2016**

**Numru 1**

**Rikors numru 822/08 JA**

**Annunziata Farrugia, Joseph Gauci, Carmelo Gauci li qed jidher kemm f'ismu kif ukoll f'isem Joseph Gauci li huwa emigrat l-Awstralja, u dan bis-sahha ta' prokura, Veronica Gauci bħala uzufruttwarja tal-mejjet Nazzareno u Meleny Gauci bhala l-werrieta u Michael Gauci li huma l-werrieta tal-mejjet Michael Gauci**

**v.**

**Crocifisso Gauci u martu Mary Gauci**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti talbu li tigi ritrattata sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Gunju, 2015 a bazi tal-Artikolu 811 (e), (f),

(g) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat ukoll ir-risposta tal-appellati ritrattati kollha li permezz taghha opponew l-imsemmija talba ta' ritrattazzjoni u tennew li l-aggravji kif elenkati mir-rikorrenti ritrattandi ghandhom jigu michuda stante li ghar-ragunijiet minnhom esposti, ma kien hemm ebda nuqqasijiet legali fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell in kontestazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-avukati rispettivi tal-partijiet, irrimettew ruhhom ghall-atti ta' ritrattazzjoni u qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-kawza huma ampjament spjegati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li din il-Qorti ser tirriproduci l-parti saljenti ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri:

> "**1**. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti Crocifisso u Mary konjuġi Gauci mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2011, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u tgħaddi biex tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi u b'hekk l-ebda ordni ta' żgumbrament ma tiġi esegwita kontrihom.

………. Omissis ……….

*Sfond*

"**11**. L-atturi fir-rikors promotur tagħhom talbu lill-ewwel Qorti sabiex hija tilqa' t-talbiet tagħhom bid-dispenza mis-smiegħ skont l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. It-talbiet tagħhom huma dawn:

> "*1) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati qed jokkupaw il-proprjeta` fuq indikata mingħajr titolu validu fil-liġi;*
>
> "*2) Tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jiżgumbraw mill-fond numru tlieta (3) tal-Balal Road, San Ġwann, magħrufa wkoll ta' Ginger Farmhouse, Triq tal-Balal, San Ġwann;*

"**12.** Il-konvenuti ppreżentaw nota[1] (datata 2 ta' Diċembru 2008) fejn infurmawha li xtaqu jikkontestaw it-talbiet attriċi. L-ewwel Qorti, dak in-nhar tas-smiegħ (3 ta' Diċembru 2008) laqgħet it-talba[2] tal-konvenuti biex jippreżentaw risposta u ddiferiet il-kawża "*għall-preżentata tal-affidavits tal-konvenuti stante li qed jippretendu li għandhom kirja*…"

"**13.** L-ewwel Qorti ddeċidiet din il-kawża billi, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba (stante d-digriet tat-3 ta' Diċembru 2008) u laqgħet it-tieni talba tal-attriċi.

*L-ewwel aggravju:*

"**14.** Il-konvenuti appellanti fl-ewwel aggravju tagħhom jsostnu li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-kawżali ta' nuqqas ta' titolu irriżultat infondata u dan peress li l-fatt li l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba jimplika li dik it-talba ma kinitx sostenibbli u li għalhekk dik il-Qorti kellha b'mod espress tiċħad kemm dik it-talba, u ċioè l-ewwel talba, kif ukoll kellha tiċħad it-tieni talba għall-iżgumbrament għaliex irriżulta li, kif konċess mill-atturi stess, huma kellhom titolu ta' komproprjetà.

"**15.** Il-premessa li fuqha jistrieh dan l-aggravju hija għal kollox falza fis-sens li hi totalment żbaljata. Ma hux minnu li l-ewwel Qorti, meta astjeniet milli tieħu konjizzoni tal-ewwel talba u ċioè astjeniet milli "tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati qed jokkupaw il-proprjetà fuq indikata mingħajr titolu validu fil-liġi", b'hekk irrikonxxiet fis-sentenza tagħha li l-kawżali ta' nuqqas ta' titolu kienet infondata. Ikun kontrosens u għal kollox kontradittorju li jingħad li meta Qorti tgħid li ma hix ser tiddeċiedi talba tkun b'hekk qed tiddeċiedi li dik it-talba ma hix sostenibbli. Aktar u aktar meta kull ħaġa oħra fis-sentenza juri proprju l-kuntrarju. Di fatti l-ewwel Qorti għaddiet biex teżamina kemm it-titolu possibbli ta'

[1] Fol 11
[2] Verbal tat-3 ta' Diċembru 2008 a fol 12

lokazzjoni u dan eskludietu kif ukoll eżaminat jekk il-fatt li l-konvenuti kellhom titolu ta' komproprjetà kienx jagħtihom dritt jibqgħu jokkupaw il-fond in kwistjoni ad esklużjoni tal-atturi u l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li dan ukoll ma kienx il-każ u b'hekk laqgħet it-talba tal-atturi għall-iżgumbrament tal-konvenuti.

"**16.** Għalhekk, in kwantu li l-premessa li fuqha jistrih dan l-aggravju tirriżulta infondata daqstant ukoll irid jiġi ritenut infondat dan l-aggravju li għaldaqstant qiegħed jiġi respint.

"**17.** Peress li l-ewwel aggravju li għadu kemm ġie respint ġie allaċċjat mill-appellant mat-tielet aggravju tagħhom il-Qorti hi tal-fehma li f'dan l-istadju hu opportun li tgħaddi biex tikkunsidra l-istess tielet aggravju qabel tikkunsidra, jekk ikun il-każ, it-tieni aggravju li sostanzjalment jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti.

*It-tielet aggravju*

"**18.** Kif ingħad, fit-tielet aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li s-sentenza appellata hija nulla għaliex l-ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha marret *ultra vires* meta, waqt li l-atturi kienu jsostnu li l-konvenuti kienu qiegħdin jokkupaw il-fond mingħajr ebda titolu l-istess Qorti minn jeddha għaddiet biex tiddeċiedi li l-appellanti ma kellhomx dritt li jokkupaw il-fond in virtù tat-titolu tagħhom ta' koproprjetà a skapitu tal-koproprjetarji l-oħra.

"**19.** Għal darb'oħra l-premessa ewlenija ta' dan it-tielet aggravju ma hix fondata. Di fatti fir-rikors promotorju tagħhom l-atturi, fil-premessi tar-rikors, ma jsostnux li l-fond qiegħed jiġi okkupat mingħajr ebda titolu, tant li huma stess espliċitament ikkonċedew li l-konvenut Crocifisso Gauci kien koproprjetarju tal-fond f'sehem ta' wieħed minn tletin (1/30), iżda li qiegħed jiġi okkupat "mingħajr titolu validu skont il-liġi" u fl-ewwel talba tagħhom imbgħad jitolbu li jigi dikjarat u deċiż li l-intimati qed jokkupaw il-proprjetà "mingħajr titolu validu fil-liġi".

"**20.** Għalhekk, meta l-ewwel Qorti għaddiet biex tikkunsidra jekk il-konvenuti kellhomx xi titolu ta' lokazzjoni validu fil-liġi sabiex jirreżistu t-talba għall-iżgumbrament tagħhom, u kkonkludiet li ma kellhom ebda tali titolu validu fil-liġi, b'ebda mod ma jista' jiġi ritenut li l-ewwel Qorti marret *ultra vires* fid-deċiżjoni tagħha. Bl-istess mod ma jistax jingħad li l-ewwel Qorti marret *ultra vires* meta għaddiet biex tikkunsidra jekk it-titolu ta' koproprjetà li kellu l-konvenut Crocifisso Gauci fuq il-fond, espliċitament konċess mill-atturi fir-rikors promotorju tagħhom, kienx wieħed li bih il-konvenuti setgħu validament jirrespinġu t-talba għall-iżgumbrament tagħhom u għal darb' oħra kkonkludiet li dan ma hux il-każ, preżumibilment fuq l-iskorta ta' dak previst fl-Artikolu 491(b) tal-Kodiċi Ċivili[3] in vista li ddeċidiet li "Il-konvenut Crocifisso Gauci huwa

[3] Ara wkoll Q. App. Inf. Paulina Stagno et v Carmelo Bugeja et, 6 ta' Ottubru 2004

ko-proprjetarju iżda dan ma jagħtihx id-dritt li jokkupa l-fond in koproprjetà a skapitu tal-koproprjetarji l-oħra, u cjoè l-atturi".

"**21.** Dan l-aggravju wkoll, kif impostat, qiegħed ukoll jiġi respint.

"**22.** Il-Qorti żżid li, iżda, l-ispjegazzjoni ghaliex l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni "tal-ewwel talba", hija ħafna aktar sempliċi minn dawk piuttost kontorti li jipprova jagħtu l-appellanti. Kjarament dan ġara minħabba żvista tal-ewwel Qorti. Ġeneralment f'kawżi bħal din odjerna fejn l-atturi jagħżlu li jintavolaw kawża abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel talba tkun proprju talba sabiex il-Qorti "*Tipproċedi għas-sentenza skont it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta."* It-talbiet l-oħra imbagħad isegwu din l-ewwel waħda. Mill-fatt li l-ewwel Qorti astjeniet milli tiegħu konjizzjoni tal-ewwel talba, fi kliemha stess, "*stante d-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2008*" jirriżulta ampjament ċar li l-ewwel Qorti kienet taħt l-impressjoni li l-ewwel talba kienet tirrigwarda d-dispensa mis-smiegħ tal-kawża (li ma kienx il-każ) u li kien minn din it-talba li kienet qed tastjeni; dan għaliex bid-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2008 kienet laqgħet it-talbiet tal-konvenuti li jingħataw il-fakoltà li jikkontestaw it-talbiet tal-attur u ma kellu x'jaqsam assolutament xejn mal-kwistjoni tat-titolu o meno.

"**23**. Għalhekk meta l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba "stante d-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2008" fejn kienet laqgħet it-talbiet tal-konvenuti li jingħataw il-fakolta` li jikkontestaw it-talbiet tal-atturi, ma kinitx effettivament qegħda tastjeni milli tiddeċiedi dwar jekk il-konvenuti kinux qegħdin jokkupaw il-post in kwistjoni mingħajr titolu. Di fatti dahlet biex tindaga jekk il-konvenuti kellhomx titolu validu ta' lokazzjoni u jekk it-titolu ta' komproprjetà kienx legalment validu sabiex il-konvenuti appellanti jkomplu jokkupaw il-fond a skapitu u ad esklużjoni tal-komproprjetarji l-oħra. Kellha invece l-impressjoni li kienet qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba dwar id-dispensa mis-smiegħ tal-kawża, ħaġa li diġa kienet effettivament ipprovdiet dwarha meta laqgħet it-talba tal-konvenuti sabiex jingħataw il-fakultà jikkontestaw it-talbiet tal-atturi.

*It-tieni aggravju:*

"**24.** Wara li ddisponiet mill-aggravji ta' natura legali, l-Qorti ser issa tindirizza t-tieni aggravju li sostanzjalment jikkonċerna l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti. Di fatti, fit-tieni aggravju tagħhom il-konvenuti appellanti qed jinsistu li l-ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konsiderazzjoni tagħha li l-unika xhieda affidabbli kienet dik tal-atturi mentri dik tal-konvenut ma kinitx. Isostnu li kemm il-konvenut, kif ukoll ommu u d-defunt ħuh kienu jirrisjedu fil-post in kwistjoni qabel ma miet Emanuel Gauci.

"**25.** Din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, ormai ben assodat, li bħala Qorti ta' reviżjoni, hija bħala regola m'għandhiex tiddisturba d-

diskrezzjoni eżercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun għamlet tal-provi miġbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod *biss* li tkun tista' tikkoreġi inġustizzja manifesta. F'dan il-każ odjern hija fliet bir-reqqa l-provi miġbura u sabet li hija sostanzjalment tikkondividi l-konklużjonijet li waslet għalihom l-ewwel Qorti.

"**26.** L-attur Mikiel Gauci xehed li meta fi Frar 2008 miet ħuħ Emanuel Gauci (ID 38631M) li huwa missier il-konvenut Crocifisso Gauci, ir-razzett safa vojt. Dwar Maria Gauci, (ID 163434M) li tiġi mart Emanuel Gauci u omm il-konvenut, u dwar Vincent Gauci (ID414258M), li jiġi bin Emanuel Gauci u ħu l-konvenut, spjega li dawn ilhom jidhru għal diversi snin fuq indirizzi oħra.

"**27.** Fil-fatt mir-Reġistru Elettorali jidher li f'Ottubru 1998, April 1999, Ottubru 1999, April 2000, Ottubru 2001, April 2001, Ottubru 2001, April 2002, Ottubru 2002, April 2003, Ottubru 2003, April 2004, Ottubru 2004, April 2005, Ottubru 2005, April 2006, April 2007, Ottubru 2006 u Ottubru 2007 Emanuel Gauci kien reġistrat fl-indirizz tal-post in kwistjoni (*3 Triq tal-Balal, San Ġwann*). Jiġi osservat li f'April 2008 (xahrejn wara li miet) ma jidher ħadd reġistrat fl-indirizz tal-post in kwistjoni.

"**28.** Fir-rigward ta' martu Maria Gauci, f'Ottubru 1998, Ottubru 2007 u f'April 2009 din kienet reġistrata fl-indirizz *21, Fiorella, Triq Ġuze` Bonnici, Iklin*[4]. Fil-fatt ix-xhud Raymond Desira mid-Dipartiment tas-Siġurta` Soċjali xehed li Maria Gauci tieħu l-pensjoni mhux kontributorja flimkien ma' għajnuna medika u għajnuna supplimentari, u kkonferma li ċ-ċekkijiet effettivament jintbagħtu fl-indirizz *21, Fiorella, Triq Ġuże` Bonnici, Iklin*. Speċifika li ilhom jibagħtulha ċ-ċekkijiet f'dan l-indirizz għallinqas sa mill-1995 (minn meta bdew ir-records komputerizzati). Għalhekk huwa totalment bla bażi l-argument tal-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tiegħu illi ladarba ommu ma kinitx separata minn missieru u ladarba missieru kien baqa' jgħix fir-razzett sakemm miet, allura l-konkluzjoni loġika kellha tkun li hija wkoll kienet tgħix fir-razzett in kwistjoni. Il-provi juri l-kuntrarju.

"**29.** Vincent Gauci f'Ottubru 1998 u Ottubru 2000 jidher li kien reġistrat fl-indirizz *18, Triq Santa Lucia, Naxxar*; f'April 2001 u April 2004 fl-indirizz *3, Triq in-Naxxar, San Ġwann* u f'Ottubru 2004, April 2008 u April 2009 fl-indirizz *12, Triq in-Naxxar, San Ġwann*. (Jidher li dawn tal-aħħar kienu l-istess indirizz, peress li kienu nbidlu n-numri tal-bibien.) Dawn id-dokumenti ma tantx jikkorroboraw l-verżjoni tal-konvenut li ħuh (li illum huwa wkoll defunt) kien jgħix fl-istess razzett meta miet il-missier.

[4] Mill-istess Reġistru Elettorali jidher li dan huwa l-istess indirizz fejn hija reġistrata bintha Serafine Pace (ID 20556M)

"**30.** Issa fir-rigward tal-konvenut Crocifisso Gauci, jidher li f'April 2000, Ottubru 2000, u April 2008 kien reġistrat fuq l-indirizz *St Jude, Triq il-Konti Theuma Castelletti, San Ġwann*. F'Ottubru 2008 u April 2009 imbagħad jidher reġistrat fuq l-indirizz *3, Tal-Ġingel Farmhouse, Triq tal-Balal, San Ġwann*.

"**31.** Il-konvenuta Mary Gauci f'Ottubru 1998, Ottubru 2000, April 2000 tidher reġistrata fuq l-indirizz *St Jude, Triq il-Konti Theuma Castelletti, San Ġwann* u imbagħad f'Ottubru 2007 u April 2009 tidher reġistrata fuq l-indirizz *Sacred Heart, Flat 2, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar.*

"**32.** Kif wieħed jista' jara, l-informazzjoni mir-Reġistru Elettorali ċertament li tikkorrobora x-xiehda ta' Michael Gauci li meta miet Emanuele Gauci huwa kien l-uniku residenti fil-post in kwistjoni. Jirriżulta wkoll li ftit xhur wara li miet, ibnu l-konvenut Crocifisso Gauci qaleb il-karta tal-identifikazzjoni tiegħu fuq l-indirizz in kwistjoni (ovvjament bl-iskop li jiret il-kirja li missieru kellu ma' ħutu). Veru li kif jargumentaw il-konvenuti appellanti f'dan it-tieni aggravju tagħhom l-indirizz fuq il-karta tal-identita` mhux prova konklussiva dwar il-post fejn wieħed ikun qed jgħix tassew, imma min-naħa l-oħra meta persuna tkun qed tipprova turi li tirrisjedi f'indirizz li mhux rifless fil-karta tal-identita` tagħha, dan ċertament li ma tgħinx it-teżi tagħha. Daqstant ieħor ma jgħinx it-teżi tal-konvenut il-fatt li martu u wliedu jgħixu l-Qawra, meta l-istess konvenuti kkonfermaw li mhumiex separati.

"**33.** Il-konvenuti appellanti f'dan it-tieni aggravju tagħhom jargumentaw li huwa minħabba d-dedikazzjoni tal-konvenut Crocifisso Gauci għar-razzett u għall-annimali, li kien jorqod kuljum fir-razzett anke qabel ma miet missieru u f'każ li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tal-kirja għandu jirriżulta li dan id-dritt ġie miksub minnu wara li miet missieru. Fl-affidavit tiegħu il-konvenut spjega li għalkemm hu u martu Mary Gauci mhux separati, huwa "jgħix" fir-razzett għaliex ix-xogħol tat-trobbija tal-annimali jirrikjedi ħafna ħin ta' kura u xogħol li jrid isir kmieni fl-għodu.

"**34.** Fl-ewwel lok jiġi osservat li meta ttella' jixhed Joseph Zammit mis-Servizzi Veterinarji qal li mir-records komputerizzati ma rriżultalux li hemm xi permessi għat-trobbija tal-annimali, la fuq l-indirizz 3 Triq tal-Balal, San Ġwann u lanqas fuq isem il-konvenut. Fi kwalunkwe każ li jqatta' ammont ta' ħin fir-razzett biex jieħu ħsieb l-annimali ma jfissirx li huwa residenti hemm (kemm illum u kemm fiż-żmien li miet missieru). Kif qalet l-ewwel Qorti, dan ċertament li mhux biżżejjed biex il-konvenuti jkunu protetti taħt xi liġi speċjali ta' kera.

"**35.** Il-konvenut fl-affidavit tiegħu semma' wkoll li barra x-xogħol li għandu mal-Gvern huwa jbiegħ il-ħaxix minn ġewwa r-razzett. Jirriżulta li fl-1995 inħarġilu permess mill-pulizija ta' "*hawker using a motor vehicle for the sale of fruits and vegetables No D-8066*" u fuq l-istess permess hemm imniżżel li "*unsold commodities are to be stored at 3,*

*Naxxar Road tal-Balal, San Ġwann*"[5]. (L-atturi Annunziata Farrugia, Carmelo Gauci, Michael Gauci u Meleny Gauci kollha xehdu fl-affidavits tagħhom li ma kinux jafu b'tali licenzja u insistew li Crocifisso qatt ma talabhom permess sabiex ikun jista' jdaħħal jew jistorja frott jew ħaxix jew affarijiet relatati man-negozju tiegħu fir-razzett u li qatt ma tawh tali permess.)

"**36.** L-iSpettur Nikolai Sant, spjega li mill-2000 il-liċenzji bdew joħorġu mit-Trade Licensing Unit. Fil-fatt ġie esebit ċertifikat mit-Trade Licensing Unit datat 14 ta' Lulju 2008 li juri li l-konvenut Crocifisso Gauci għandu l-permess (Nru ta' Liċenzja 53/675) biex ibiegħ il-ħaxix u l-frott mit-trakk tiegħu u l-"Post liċenzjat" huwa indikat bħala "*Tal-Gingel Farmhouse, 3, Triq ta-Balal, San Ġwann*". L-istess Sant ikkonferma li mill-1995 (meta applika l-konvenut) sal-2000 il-pagamenti tal-liċenzja għamilhom regolarment. Ix-xhud Keith Caruana mit-Trade Licensing Unit fix-xiehda tiegħu qal li l-liċenzja li kellu Crocifisso Gauci fiż-żmien li kienet inħarġet mill-Pulizija kienet ġiet imġedda fl-14 ta' Lulju 2008 u kien għamel numru ta' snin ma jħallashiex. "*…hi bdiet titħallas fl-14 ta' Lulju 2008, u mill-1 ta' Jannar 2002 ma jidhirx li kien hemm pagamenti*."

"**37.** Dan kollu juri li l-konvenut ilu mill-1995 juża r-razzett in konnessjoni man-negozju tiegħu tal-bejgħ tal-ħaxix u frott, u allura inkluż fiż-żmien li miet missieru (anke jekk proprju f'tali żmien ma kienx qed iħallas il-liċenzja relattiva) iżda dan il-fatt ukoll ma jistax jitqies bħala "residenza" għall-finijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

"**38.**. Għalhekk it-tieni aggravju jirriżulta infondat ukoll.

"Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

"L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellanti."

F'dawn il-proceduri, il-konvenuti ritrattatandi qeghdin jitolbu li 'l fuq imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tigi mhassra biex l-appell ikun jista' jigi trattat mill-gdid. Huma qeghdin jissottomettu dan peress li jallegaw (i) li hemm fis-sentenza applikazzjoni hazina tal-ligi; (ii) li s-sentenza

[5] Dok MB1, fol 307.
Mir-Reġistru Elettorali jidher li Triq tal-Balal, San Ġwann, u Triq in-Naxxar, San Ġwann huma toroq distinti minn xulxin, għalhekk it-triq imsemmija fil-liċenjza ta' hawker: u cioe` "Naxxar Road, Tal-balal, San Ġwann" effettivament lanqas biss teżisti, u titfa' dubju fuq jekk ir-referenza hix għal Naxxar Rd jew Tal-Balal Rd (cioe` fejn hemm ir-razzett in kwistjoni).

nghatat fuq haga li ma kenitx imdahhla fit-talba; (iii) li bis-sentenza nghata izjed minn dak li ntalab; u (iv) li s-sentenza hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza.

In tema ta' ritrattazzjoni tajjeb li jigi ribadit illi:

> "*Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jigvernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza. ... (Rev. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aqiulina, Appell Civili, 18 ta' April 1958).*
>
> *"Din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Dottor Austin Bencini nomine v. Dottor Remigio Zammit Pace nomine deciza fl-20 ta' Frar 1996 qalet fost affarijiet ohra:*
>
> > *"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghal principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan independentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. IrRumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massina res judicata pro veritate habetur. F'dan il-kuntest tista' ssir riferenza ghas-sentenza riportata fil-Kollezzjoni Volum XXV-I-137 fejn tant tajjeb gie sottolinejat li r-rimedju tar-ritrattazjoni;*
> >
> > *"Non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero i supposto errore di fatto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dala legge dovendo in ogni caso prevalere la stabbilita` dell' giudicato che sola puo mettere fine alle liti, poiche' l' autorita` della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile."*
>
> *"Minn dan ... titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII-I818). Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jista' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribuna tat-tielet istanza, (Vol. XLII-I-227) li mhix permessa mil-ligi."*

– ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ottubru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuel Mallia et v. Le Terrain Limited**.

Trattati l-principji generali li jirregolaw l-istitut ta' ritrattazzjoni, isegwi li jrid issa jsir l-ezami tal-ilmenti individwali tar-ritrattandi.

In kwantu l-ewwel lanjanza li l-Qorti applikat il-ligi hazina, is-subincizi (e) jippermetti li l-kawza terga tinstema' mill-gdid "*jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin*". B'dan illi jinghad ukoll illi "*jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss* (sottolinear ta' din il-Qorti) *li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni*."

Inoltre fil-kuntest ta' din il-kawzali mressqa bhala raguni ghal talba ta' ritrattazzjoni, nsibu li l-Artikolu 816 tal-imsemmi Kap. 12 jrid li:

> "*meta r-raguni* (ghar-ritrattazzjoni) *hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata*."

L-insenjament gurisprudenzjali fir-rigward ta' dan is-subinciz gie riassunt fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Mejju, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Emanuele Barbara et v. Salvino Bugeja nomine** fis-sens li gej:

> *"(1) L-applikazzjoni hazina timmanifesta ruhha meta jkun hemm "la violazione manifesta di una legge espressa, chiara, non soggetta ad interpretazione, ne a raziocini o argomenti ... (Com. Francesco Azzopardi v. Francesco Galea - Appell, 17 ta' Frar 1876; Vincenza Borg v. Giuseppe Giordimaina - Appell, 19 ta' Jannar 1996 u Maria Teresa Grech et v. Giljan Abela - Appell, 8 ta' Gunju, 1999).*

*(2) "Che la Corte in un giudizio di ritrattazione, non puo` entrare, come nel caso di un regolare appello, ad esaminare se il fatto come stabilito dalla Corte sia erroneo o meno; ma per vedere se vi sia mala applicazione di legge deve prendere per unica base il fatto come stabilito dalla Corte nella sentenza impugnata" – Negte Giuseppe Vella Zarb v. Antonio Bartolo - Appell, 3 ta' 1930).*

*(3) "A testimonianza del Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile, Vol IV para 1043) e` ormai pacificamente ammesso dagli scrittori e dalla giurisprudenza che i giudizi di mera interpretazione di una fatto dubbio o controverso, ossia i giudizi col quale il magistrato, dato il tenore di un atto, interpreta la volonta` dubbia ed oscura dei contraenti o del testatore sono giudizi sovrani del magistrato che statuisce sul merito, incensurabile in cassazione" – Marchese Riccardo Cassar Desain noe et v. Giovanni Spiteri - Appell 25 ta' Novembru 1926; Negozjant Giuseppe di Ruggero Wismayer v. Giovanni Wismayer - Appell, 7 ta' Dicembru 1936.*

*(4) Biex jigi eradikat id-dritt ghal ritrattazzjoni, ir-rikorrent irid jipprova bil-premessa tieghu illi l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet tajba b'mod hazin – Reginald Micallef et noe v. Godwin Abela et noe - Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994.*

*Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet tal-principju, il-gudizzju tal-Qorti kif invokat mir-ritrattandi huwa limitat ghall-ewwel stadju tal-procedura tar-ritrattazjoni, u cioe`, dik 'in rescindendo'"*.

Fil-kaz odjern, ir-ritrattandi jikkontendu li l-Qorti kellha tapplika l-ligi tal-kera, sabiex tiddetermina kellhomx titolu validu, u mhux tinoltra ruhha fl-ezercizzju tal-jedd tal-komproprjetarju li jutilizzaw il-haga mizmuma in komun. F'dan ir-rigward, ir-ritrattandi jtennu li l-Artikolu 491 tal-Kodici Civili applikat mill-ewwel Qorti, u kkonfermat ukoll mill-Qorti tal-Appell, meta l-Prim'Awla iddikjarat illi "*l-konvenut Crocefisso Gauci huwa ko-proprjetarju izda dan ma jaghtix id-dritt li jokkupa l-fond in koproprjeta` tal-koproprjetarji l-ohra u cioe` l-atturi",* ma kellux jigi applikat peress li ma kienx jifforma parti mill-kawzali tal-azzjoni attrici.

Jigi innutat li l-konvenuti jonqsu milli jsemmu l-artikolu tal-ligi li fil-fehma taghhom kellu jigi applikat, izda jsemmu biss b'mod generiku l-ligi tal-kera. Madankollu, minn ezami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell jirrizulta li hija ikkonsidrat li l-ewwel Qorti ezaminat kemm it-titolu ta' kera vantat mill-konvenut, kif ukoll dak ta' komproprjeta`, li ma jaghtix id-dritt lill-konvenuti jibqghu jokkupaw il-fond in kwistjoni ad eskluzzjoni tal-atturi, u kien ghalhekk li laqghet it-talba tal-atturi ghall-izgumbrament tal-konvenuti. Jinghad ukoll li fl-ewwel aggravju tal-appell jirrizulta li l-istess konvenuti kienu qeghdin hemm isejjsu l-argument taghhom fuq il-fatt li huma ko-proprjetarji, li jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-argument tal-konvenuti huwa mill-aktar inkongruwu meta issa jsostni li l-Qorti ma kellhiex tapplika l-ligi tal-komproprjeta`.

Ikun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi korretta ghall-fatti, u mhux meta tinghata xi forma ta' interpretazzjoni ghal dik il-ligi korretta. Jekk wiehed iqis li l-Qorti tal-Appell, apparti l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti li gew adottati fis-shih, ikkonsidrat ukoll: "*Dan kollu juri li l-konvenut ilu mill-1995 juża r-razzett in konnessjoni man-negozju tiegħu tal-bejgħ tal-ħaxix u frott, u allura inkluż fiż-żmien li miet missieru (anke jekk proprju f'tali żmien ma kienx qed iħallas il-liċenzja relattiva)* ***iżda dan il-fatt ukoll ma jistax jitqies bħala "residenza" għall-finijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta."*** – (enfasi mizjuda minn din il-Qorti) – altru li

jirrizulta li kienu verifikati l-ilmenti tal-konvenuti a bazi tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ligi li tirregola t-tigdid tal-kiri tal-bini.

Din il-Qorti, fl-istadju ta' ritrattazzjoni, hi prekluza milli tezamina mill-gdid il-fatti tal-kaz, u lanqas ma tista' tinterpretahom mod iehor milli interpretathom il-Qorti tal-Appell. Dan kien ikun possibili biss kieku ghall fatti pruvati, l-Qorti tal-Appell applikat dispozizzjoni tal-ligi minflok ohra li proprjament kellha tigi applikata, li mhux il-kaz.

Ghalhekk l-aggravju relatat mal-Artikolu 811 (e) imsemmi qieghed jigi michud.

Dan l-aggravju in kwantu jsostni li dik il-Qorti applikat il-provvedimenti tal-ligi relativi ghal komproprjeta` huwa wkoll allacjat mat-tieni ilment citat mill-konvenuti in sostenn tal-argument taghhom, li huwa dak emanenti mis-subinciz (f) tal-Artikolu 811, li jipprovdi:

> *"jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba;"*

Il-konvenuti jsostnu li meta l-Qorti applikat l-Artikolu 491 tal-Kodici Civili, marret lil hinn mis-setghat taghha peress li d-dritt ta' komproprjeta` ma kienx wiehed mill-kawzali li fuqhom kienet imwaqqfa l-kawza attrici, bil-konsegwenza li l-konvenuti jsostnu li l-Qorti marret *ultra vires.* Huma jghidu li l-atturi kienu qeghdin isostnu li l-konvenuti kienu qeghdin

jokkupaw il-fond in kwistjoni minghajr titolu, u ghalhekk gew pregudikati meta l-Qorti iddecidiet il-kawza, a bazi ta’ titolu ta’ komproprjeta` li huma ma kellhomx l-opportunita` li jressqu provi dwarha.

Meta wiehed, pero`, jezamina r-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, wiehed mill-ewwel isib li fil-premessi taghhom ir-rikorrenti proprju qeghdin jghidu li huma sidien flimkien mal-intimati tar-razzett in kontensjoni, kif ukoll jghaddu sabiex jaghtu dettalji tal-ishma rispettivi tal-kontendenti fil-kawza, li allura zgur ma jistax jinghad li l-konvenuti gew sorprizi meta l-Qorti xtarret il-kwistjoni tad-drittijiet tal-komproprjetarji li kienu jaqghu sewwa sew fil-parametri tal-kawza hekk kif imressqa mill-atturi.

Ghandu jinghad ukoll li, dan l-ilment tal-konvenuti huwa identiku ghat-tielet aggravju mressaq fl-appell taghhom quddiem il-Qorti tal-Appell, li gie ampjament evalwat qabel gie michud.  Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni, li l-konvenuti permezz ta’ dan l-ilment taghhom quddiem din il-Qorti kif issa komposta, qeghdin jittantaw jappellaw minn punt li kien determinat mill-Qorti tal-Appell, semplicement ghaliex ma qablux mal-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti, xi haga li kjarament mhix koncessa permezz tal-procedura ta’ ritrattazzjoni, li m’ghandu qatt iservi sabiex jigi mistharreg ilment dwar interpretazzjoni fit-tielet istanza.  Fi kliem iehor, qeghda ssir stedina lil din il-Qorti sabiex tqis l-appell mill-

gdid meta l-istitut tar-ritrattazzjoni m'ghandux jintuza ghal ghan bhal dan.

Ghalhekk anke taht dan l-aspett, l-ilment tal-konvenuti ritrattandi bazat fuq l-Artikolu 811(f) imsemmi huwa infondat.

Fuq l-istess binarji jitressaq ukoll l-ilment tal-konvenuti meta a bazi tal-Artikolu 811(g), jikkontendu illi bis-sentenza gie moghti izjed minn dak li ntalab mill-atturi. Ghandu jinghad li l-argumenti tal-konvenuti f'dan il-kuntest huma pjuttost neboluzi. Dan jinghad peress li huma jiccitaw is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Dicembru, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vella et v. Nazzareno Farrugia et**, fejn jinghad illi:

> *"Meta titqies il-kawzali tal-ultra petita huwa mehtieg li wiehed jara x'ikun intalab. Il-kriterju hu li t-talba f'kawza titqies minn dak li jissemma fl-att li bih il-kawza tinbeda. Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wiehed ikun jista' jqis jekk dak moghti fis-sentenza jkunx ghal kollox 'il barra minn dak li ntalab (extra petita) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (ultra petita). Fil-kaz tal-lum, l-atturi rikorrenti qeghdin jilmentaw minn din tal-ahhar. Ikun hemm kaz ta' eccess bhal dan fejn il-gudikant jibbaza r-raguni tad-decizjoni fuq titolu, kawzali jew fatt guridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eccezzjoni, jigi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konkluzjonijiet taghhom.* ***Dan il-kaz ma jghoddx fih ic-cirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedju li, ghalkemm ma jissemmiex bhala talba espressa, johrog ex necessaria consequentia minn talba ohra li tkun maghmula**.*"
> (enfasi mizjud minn din il-Qorti)

Hekk ukoll f'dan il-kaz, meta wiehed iqis dak li ntalab mill-bidunett mill-atturi fil-kawza, u cioe`, li jigi dikjarat li l-konvenuti qeghdin jokkupaw ir-razzett minghajr titolu validu fil-ligi, u li jigu ordnati u ikkundannati li

jizgumbraw mill-fond in kwistjoni, u jitqabbel ma' dak provdut permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 2015, li ikkonfermat is-sentenza appellata, tabilhaqq wiehed isib li dak li nghata, kien fil-kuntest ta' dak li ntalab.

Ghalhekk, din il-Qorti ma ssibx li lanqas m'ghandha tilqa' it-talba ghas-smigh mill-gdid tal-kawza fuq din il-kawzali.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar ilment tal-konvenuti ritrattandi, dak taht l-Artikolu 811 (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi li kawza tista' tigi ritrattata:

> "*jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*
>
> *"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita` pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza*".

Fuq dan l-ilment, il-konvenuti ritrattandi semplicement jikkontendu li ghall-istess ragunijiet imsemmija qabel, jekk wiehed ihares lejn ir-rikors guramentat promotur u s-sentenza, ghandu jirrizulta li din giet deciza fuq kawzali ghall-kollox estranji mit-talba u dan kien frott ta' zball tal-ewwel Qorti, kif sussegwentement ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell, li jidher mill-atti tal-kawza.

Kif gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Ottubru, 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Charles Farrugia et noe v. Benny Schembri** (u dan fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra u ta' awturi) biex ikun hemm l-izball ravvizat fil-paragrafu (l) tal-Art. 811 hu mehtieg li:

> "*i. L-izball […] ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;*
>
> *"ii. L-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza u ghalhekk hija inassolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova tal-izball […];*
>
> *"iii. Illi l-istess zball ikun manifest, tali cioe` li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn semplici inavvertenza tal-gudikant […]*"

Inoltre fil-kawza **Gaetano Mifsud v. Gaetano Zahra** deciza fit-18 ta' Gunju, 1954, minn din il-Qorti, insibu lista ta' hames pre-rekwiziti ghall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu. Hemm jinghad hekk:

> "*Illi mill-ezami tal-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta' fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg, kif jikteb Mattirolo (Vol. IV, Pag. 825):-*
>
> *"1. Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;*
>
> *"2. Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova tal-izball;*
>
> *"3. Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cjoe`, li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;*
>
> *"4. Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza; u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm*

*vizjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista` tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata;*

*"5. Illi l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat."*

In kwantu li l-izball ghandu jkun manifest b'tali mod li jidher li jkun prodott esklussivament minn inavvertenza da parti tal-gudikant, skont ir-Ricci jinghad:

*"dovendo l'errore di fatto risultare dagli atti e documenti della causa, segue che esso dev'essere intuitivo, tale cioe` che si riveli dal semplice raffronto tra la sentenza e gli atti o i documenti della lite."*

Huwa importanti li jigi ribadit li ma tithalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt zbaljat ikun punt li gie kkontestat u deciz fis-sentenza attakkata. L-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti da parti tal-gudikant jikkostitwixxu l-konvinciment insindikabbli tal-gudikant. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza tas-17 ta' Mejju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards Fil-Harsien Socjali v. Sharon Rose Roche nee' Bellamy:**

*Fil-konfront tal-aggravju ai termini tal-Artikolu 811 (l), hi ġurisprudenza assodata li l-iżball li jwassal għat-tħassir tas-sentenza taħt din il-kawżali jrid ikun żball materjali ta' fatt, u mhux żball ta' kriterju jew interpretazzjoni. Kif osservat din il-Qorti fil-kawża Abela v. Cortis, deċiża fl-20 ta' Novembru, 2008.*

*"Illi dwar il-kawżali tas-sentenza milquta minn żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (Art. 811(l) tal-Kap 12), huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'inhu dak li tgħid il-liġi sabiex tali kawżali titqies mistħoqqa. Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista' titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-sentenza nnifisha u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss*

*fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;*

*"Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (e) tal-artikolu 811, li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta` ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant;"*

Ezaminata s-sentenza lamentata mir-ritrattandi, li taghha qed jintalab is-smigh mill-gdid, fid-dawl ta' dawn il-principji hawn fuq esposti, jinghad li din il-lanjanza tfalli wkoll taht dan l-ahhar rekwizit, peress li effettivament huwa l-istess argument li gie dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell, li kif inghad qabel, r-ritrattand ma jistax jerga' jappella minn dik is-sentenza taht il-paraventu tar-ritrattazzjoni.

Wiehed jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti, pero`, zgur li ma jistax jinghad li fuq il-fatti, sar zball. L-izball ta' fatt irid jirrizulta minn semplici konfrontazzjoni bejn id-dikjarazzjonijiet tad-decizjoni u l-atti u d-dokumenti, u mhux mill-kriterji li bihom il-fatt gie mifhum mill-gudikant. Gialadarba l-kontroversja in kwistjoni kienet ikkonsidrata mill-Qorti tal-Appell a bazi tal-kawzali, it-talbiet u l-eccezzjonijiet li kellha quddiemha, kif ukoll mill-provi li rrizultawlha, ma tistax issir rikonsiderazzjoni fil-vesti tar-ritrattazzjoni, altrimenti din il-

Qorti tkun qeghda tikkonsidra appell minn decizjoni li ma tistax tigi appellata.

Ghalhekk anke din l-ahhar lanjanza taht is-subinciz (l) ma timmeritax li tintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda tiddisponi mir-rikors ta' ritrattazzjoni, billi tichad it-talba tar-ritrattandi, peress li tiddeciedi li ma hemmx lok ghat-thassir u revoka tas-sentenza moghtija minnha fis-26 ta' Gunju, 2015, kif ukoll it-talba konsegwenzjali ghas-smigh mill-gdid tal-kawza.

L-ispejjez jithallsu mill-istess konvenuti ritrattandi *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Agent President | Mark Chetcuti<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df